MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2010

Numru 668/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**MARK CACHIA ZAMMIT**
**- OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Cachia Zammit bin Richard u Catherine nee' D'Alfonso, imwieled Pieta' fl-20/06/1988, residenti 10, ix-Xatt ta' San Gorg, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 288588M u

- omissis -

Gew akkuzati talli nhar l-01 ta’ Lulju 2010 ghal habta ta’ 0005 hrs gewwa Floriana,

1. attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 1382 M. Galea u PC 1342 R. Buttigieg, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u kkagunawlhom griehi ta’ natura hafifa kif iccertifikat minn Dr. A. Cordina MD Reg. 2641 u dan bi ksur ta’ Art 96 u 221 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjaw, jew heddu, jew ghamlu offiza fuq PC 1382 M. Galea u PC 1342 R. Buttigieg, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur ta’ Art 95 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. u aktar talli kisru volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Art 338(cc) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. u aktar talli m’ghobdewx l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixklu waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom, billi ma hallewhomx jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ghamel skond il-ligi u dan bi ksur ta’ Art 338(ee) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Lil Mark Cachia Zammit wahdu akkuzat ukoll:

5. talli b’hekk renda ruhu recidiv b’sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar l-20/05/2010 liema sentenza saret definittiva w ma tistghax tigi mhassra jew mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 13 ta' Awissu, 2010 u nnutat li l-imputat Mark Cachia Zammit m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 13 ta' Awissu, 2010, iddikjara li nkwantu ghal dawn l-artikoli, liema artikoli jirrigwardaw l-akkuza tar-recidiva, tali akkuza ma tirrizultax u ghaldaqstant talab li l-Qorti tillibera lill-imputat minn din l-akkuza. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 13 ta' Awissu, 2010, iddikjara li nkwantu ghall-artikolu 23, peress illi f'din il-kawza ma gewx esebiti oggetti soggetti ghall-konfiska, talab li l-Qorti tastjeni milli taghti Provvediment rigward dan l-artikolu u nkwantu ghall-artikolu 533, peress illi f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-istess artikolu, talab li l-Qorti tastjeni milli taghti Provvediment rigward dan l-artikolu.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza tar-recidiva.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza tar-recidiva.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17,31, 96(b), 95(1), 214, 221(1), 222(1)(c), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mark Cachia Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza tar-recidiva u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tillibera lill-istess imputat Mark Cachia Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Mark Cachia Zammit ghall-piena ta' hames mitt Euro (Euro 500) multa.

Rigward il-hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputat Mark Cachia Zammit, liema akkuza tirrigwarda r-recidiva, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u wara li ezaminat il-provi prodotti, il-Qorti tillibera lill-imputat Mark Cachia Zammit minn din il-hames (5) akkuza li tirrigwarda recidiva stante li din l-akkuza ma tirrizultax.

Inoltre fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, rigward dak mitlub bl-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 13 ta' Awissu, 2010, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imsemmija zewg talbiet maghmula rispettivament taht l-artikoli 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 13 ta' Awissu, 2010.

Inoltre il-Qorti a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-imputat Mark Cachia Zammit b'obbligazzjoni personali ta' Euro 1500 li jzomm il-kwiet ma' PC 1382 M. Galea u PC 1342 R. Buttigieg u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mark Cachia Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------